

32004D0067

20.1.2004

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA

L 13/43

ID-DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

tas-6 ta' Jannar 2004

li temenda għat-tieni darba d-Deċiżjoni 2000/807/KE biex tikkunsidra t-tibdil fir-reġjuni fl-Olanda

(notifikata taħt dokument numru K(2003) 5312)

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

(2004/67/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kunsidrat it-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 82/894/KEE tal-21 ta' Diċembru 1982 dwar in-notifikazzjoni ta' mard ta' l-annimali fil-Komunità ⁽¹⁾ u b'mod partikolari l-Artikolu 5 tagħha,

Billi:

- (1) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2000/807/KE ⁽²⁾ tistipula l-forma kodifikata u l-kodiċi għan-notifikazzjoni ta' mard ta' l-annimali skond id-Direttiva 82/894/KEE.
- (2) Matul l-iżvilupp tal-pjani tagħha ta' eradikazzjoni ta' mard ta' l-annimali, l-Olanda aġġustat ir-reġjuni tal-pajjiż tagħha. Il-fruntieri tar-reġjuni l-ġodda ġew stabbiliti, sabiex ikun aktar faċli li jiġi kontrollati fil-każ ta' xi tifqigħa. L-aġġustament tar-reġjuni fl-Olanda jeffettwa s-Sistema ta' Notifikazzjoni tal-Mard ta' l-Annimali (ADNS) preskritta fid-Deċiżjoni 2000/807/KE. Ir-reġjuni l-ġodda (kompartimenti) għandhom għalhekk jisostitwixxu dawk presenti fl-ADNS.
- (3) Id-Deċiżjoni 2000/807/KE għandha għalhekk tiġi hekk emendata.
- (4) Sabiex tiġi protetta l-konfidenzalità ta' l-informazzjoni trasmessa, l-Anness li jinsab ma' din id-Deċiżjoni m'għandux jiġi pubblikat.

- (5) Il-miżuri li għalihom tipprovdi din id-Deċiżjoni huma skond l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Katina ta' l-Ikel u s-Saħħa ta' l-Annimali,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-Anness V li jinsab mad-Deċiżjoni 2000/807/KE huwa emendat skond l-Anness li jinsab ma' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tgħodd mill-1 ta' Jannar 2004.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni hija ndirizzata lill-Istati Membri.

Magħmulha fi Brussell, fis-6 ta' Jannar 2004.

Għall-Kummissjoni

David BYRNE

Membru tal-Kummissjoni

⁽¹⁾ ĠU L 378, 31.12.82, p. 58. Direttiva kif l-aħħar emendata bir-Regolament (KE) Nru 807/2003 (ĠU L 122, tas-16.5.2003, p. 1).

⁽²⁾ ĠU L 326, tat-22.12.2000, p. 80. Deċiżjoni kif emendata bid-Deċiżjoni 2002/807/KE (ĠU L 279, tas-17.10.2002, p. 50).